**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 448/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**vs**
**Abdelbaky Esameldin Mohamed Abdelaziz**

**Illum 17 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Abdelbaky Esameldin Mohamed Abdelaziz, ta' 45 sena, imwieled l-Egittu nhar il-15 t'Awwissu, 1975, iben Esameldin u Omm Saad u li l-ahhar indirizz maghruf huwa 92, Ruby, Flat 2, Triq il-Lampuka, San Pawl il-Bahar, detentur tal-passaport Egizzjan numru A1813385,

Billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar l-ewwel ta' Awwissu, 2020, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija, u/jew f'hinijiet ohra, qabel jew wara, flimkien ma persuni ohra minn blokka msemmija Agius Flats, Appartament numru 2, Triq il-Pjunjieri, San Pawl il-Bahar u/jew f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu

(€2329.37), u bil-lok, u li sar ghad-dannu ta' Mohamed Saad Ibrahim Abuwisa u/jew ta' xi persuna/i ohra.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 11 ta' Settembru, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', permesso di soggiorno u passaport Egizzjan immarkati bhala Dok SP5; fotokopja tal-permesso di soggiorno mmarkat bhala Dok SP1; fedina penali mmarkata bhala Dok SP2; okkorrenza mmarkata bhala Dok SP3; stills immarkati bhala Dok SP4;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;

**WPS 224 Suzanne Mifsud** tghid li fl-1 t'Awwissu tas-sena 2020 kien dahal rapport ta' serqa minn gewwa dar. Minhabba li hija ma setghtex tmur fuq il-post, baghtet lil WPC 375 fuq il-post fejn sehhet is-serqa. WPC 375 infurmata li kien hemm teqlieb fil-kamra tas-sodda kif ukoll fil-kamra tat-tfal. Fil-fatt WPC 375 kelmet lil Erhema Turaj Ibrahim imma kien hemm problema ta' komunikazzjoni. Irrizulta li mill-kamra tas-sodda kienu insterqu minn gewwa tlett kartieri fl-ammont ta' 1730 Euro. Ma' dawn il-flus insterqu wkoll par imsielet tad-deheb. Gie esebit rapport dok SM 1.

**WPC 337 Eunice Duncan** qalet li fl-1 t'Awwissu 2020 Mohammed Saad Ibrahim Abudiza kien ghamel rapport gewwa l-ghassa tal-Qawra li kien sab nieqes tletin elf Ewro minn gewwa l-kamra tas-sodda. Illi minhabba li huwa jiehu hsieb il-komunita' Musulmuna bhala Imam, jafdawlu l-flus u jpoggiehom id-dar tieghu. Huwa tenna li jissuspetta f'certu Abud, wiehed mit-tlett suspettati li wetqu din is-serqa. Dan minhabba l-fatt li persuna li kienet toqghod ghewwa l-istess blokka rat lill-istess Abud. Illi ma' dawn il-flus insterqu ukoll xi dehbijiet tal-mara tieghu.

**Zakkaria Mohamed** stqarr li huwa joqghod gewwa Bugibba u kien gharaf lill-imputat li kien seraq l-oggetti. Huwa kien jaf li s-serqa kienet sehhet f'Awwissu u gharaf lill-imputat ghax kien jafu qabel ukoll.

**Dr Katya Vassallo** ipprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija mmarkata bhala dok KV1.

**Nadia Ciappara** prezentat vera kopja ta' process verbal numru 1101/2020.

**L-ispettur Shawn Pawney** fejn qal li huwa kien responsabbli mis-sezzjoni tar-reati tal-propjeta fi hdan id-Dipartiment tar-reati Magguri. Huwa kien infurmat fl-1 t'Awwissu 2020 li keient sehhet serqa gewwa San Pawl-il Bahar fejn Mohamed Sad Abrahim kienu insterqulu madwar 20,000 Euro fi flus kontanti u diversi oggetti ta' gojjelerija. Ghal bidu kien haseb li l-ammot ta' flus kienu 30,000 Euro izda wara irrizluta li kien sab 10,000 Euro. Mill-investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija kienu raw filmati ta CCTV ta' stabiliment fil-vicin. Irrizulta li ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija zewg persuni hargu minn Taxi u deheru resqin lejn il-propjeta' tad-derubat. Kienu kelmu sid it-Taxi fejn Joseph Portelli kien qallhom li kien rikkeb zewg irgiel minn gewwa l-pjazza ta' Bugibba madwar kwarta qabel sehh l-incident u wassalhom fuq il-post fejn sehhet is-serqa. Wiehed minn dawn il-persuna kien dahal gewwa l-istabiliment Merhba Kebab. Il-persuna li kienet giet identikata bhala Munir Mohammed Gamudi u l-persuna l-ohra kienet l-imputat. Mill-investigazzjoni hareg li dan Gamudi kien ammetta mal-Pulizija li kien dahal gewwa r-residenza fejn l-imputat baqa' barra jistennieh. L-imputat kien gie arrestat fl-10 ta' Settembru u ittiehdet stqarrija. Fil-kors tal-interogazzjoni l-imputat kien ammetta li kien fuq il-post izda ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa ghax huwa kien biss ma' Gamudi u baqa' jichad dwar l-involviment tieghu. Gew esebiti diversi dokumenti inkluz DVD li tikkontjeni l-istqarrija tal-imputat.

Ikkunsidrat

Illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru 2021, l-imputat Abdelbaky Esameldin Mohamed Abdelaziz irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u filfatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Fuq ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Hadet in konsiderazzjoni t-trattazzjoni tal-partijiet kif ukoll hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g), 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka tieghu ta' l-imputazzjonijikollha, kif dedotta kontra tieghu ,u tikkundannah ghal perijodu ta' erba' u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettivi.

Il-Qorti qeghda tibghat din is-sentenza flimkien ma' l-atti taghha lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**